# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 20 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 10**
**Rikors Guramentat Numru : 114/2006/LSO**

**Francis Scicluna (karta tal-identita` numru 651827M) u b' digriet tal-21 Frar 2008 l-atti gew trasfuzi f' isem Joseph Attard u Rita Attard**

**vs**

**J.M. Construction Limited (Numru ta' registrazzjoni tal-Kumpanija C 8297)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta’ Francis Scicluna datat 16 ta’ Frar 2006 fejn bil-gurament tieghu espona: -

Illi huwa kien akkwista l-*utile* dominju temporanju ta' ghalqa ta’ madwar tmien tumoli, liema ghalqa qieghda fil-limiti ta’ Birzebbuga u li ghandha razzett bla numru li fih hamest ikmamar kif ahjar deskritt fil-kuntratt datat disgha ta’ Dicembru elf disa' mija erbgha u disghin (Kopja Annessa Dok. A).

Illi bis-sahha ta’ konvenju datat (3) ta' Lulju elfejn u tlieta (2003) (Kopja Annessa Dok B) l-esponent intrabat li jbiegh il-proprjeta` f'Birzebbuga lis-socjeta` J.M. Construction Limited (C 8297).

Illi fuq l-istess konvenju gie ddikjarat li bhala depozitu thallas l-ammont ta’ wiehed u tletin elf lira Maltin (Lm31,000) lill-esponent.

Illi permezz ta’ skrittura datata sebgha (7) ta’ Lulju, tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Kopja annessa Dok C) ippublikata minn Nutar Dottor Mario Bugeja, l-esponent Frans Scicluna ikkostitwixxa ipoteka generali u ipoteka specjali fuq il-mezzanin bla numru, fit-tieni sular, fi Triq Alfred Cachia Zammit, Zejtun, kif ahjar deskritt fid-dokument C. Illi dawn l-ipoteki gew insinwati u ghandhom n-numru ta’ iskrizzjoni I.12497/2003.

Illi l-esponent kien ikostitwixxa dawn l-ipoteki bhala garanzija tal-obbligi naxxenti mill-konvenju datat 3 ta’ Lulju 2003 fuq imsemmi, kif jirrizulta mill-istess att ta’ kostituzzjoni ta' ipoteka.

Illi l-bejgh ma sehhx u l-esponent gie mitlub biex irodd lura d-depozitu ta’ Lm31,000 lil J.M. Construction Limited. Illi r-rifuzjoni ta' dan l-ammont sar permezz ta’ tliet pagamenti:

- pagament ta' erbatax-il elf lira (Lm14,000) li sar permezz ta' *cheque* datat hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) indirizzat lil Avukat Noel Camilleri, il-konsulent legali tas-socjeta` intimata li kellu jghaddi c-*cheque* lill-istess socjeta`. (*Cheque image* - Dok D)
- Pagament ta' tnax-il elf lira (Lm12,000) li sar permezz ta' *cheque* datat it-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (2004), indirizzat lill-Avukat Noel Camilleri, li kellu jghaddi lill-istess socjeta`. (*Cheque image* - Dok E)
- L-ahhar pagament ta’ hamest elef lira (Lm5,000) li sar permezz ta’ *cheque* datat erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005) f’isem is-socjeta` intimata. (*Cheque image* - Dok F)

Illi l-esponent ma inghata l-ebda ricevuta ghal dawn il-pagamenti alavolja talab ghalihom diversi drabi.

Illi madankollu l-esponent ghandu provi cara li l-pagament sar u li c-*cheques* fuq imsemmija gew imsarrfa u mghoddija lis-socjeta` intimata.

Illi l-esponent esegwixxa l-obbligi kollha naxxenti mill-konvenju ffirmat minnu u m'ghad hemm ebda bzonn ghall-ipoteki fuq il-proprjeta` tieghu sabiex d-drittijiet tas-socjeta` intimata jkunu salvagwardjati. Illi s-socjeta` intimata ghandha tissupplixxi lill-esponent bid-debiti ricevuti u ghandhom jigu mhassra l-iskrizzjoniet ta' l-ipoteki fuq il-proprjeta` ta' l-esponent u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti togobgha

1. Tordna lis-socjeta` intimata biex tissupplixxi d-debiti ricevuti ghall-pagamenti li saru mill-esponent ghar-rifuzjoni tad-depozitu li inghata lilu.

2. Tiddikjara li l-esponent hallas lura l-ammont kollu li kien inghata bhala depozitu.

3. Tordna it-thassir ta' l-ipoteki bin-numru ta' l-iskrizzjoni 1.12497/2003 u tiffisa gurnata hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv, tinnomina nutar ghall-pubblikazzjoni ta' l-att u kuratur ghal kull eventwali kontumaci.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` intimata minn issa ingunta ghas-subizzjoni fil-persuna tad-diretturi taghha.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-19 ta’ Gunju 2006.

Rat ir-risposta ta’ J.M. Construction Limited [Numru ta' Registrazzjoni (C8297] datata 12 ta’ Gunju 2006 (fol 23) fejn Mario Gatt bil-gurament ikkonferma:-

1. Illi preliminarjament l-esponenti jissottomettu illi d-debitu dovut lis-socjeta` intimata ma huwiex dak li hemm indikat fir-rikors promotur izda huwa dak li hemm u gie deciz fil-kawza "J.M. Construction Limited vs Francis Scicluna" (Citazz.Nru. 85/04TM deciza fil-24 ta' Frar 2004 liema sentenza llum hija definittiva u ma hemmx lok t'appell minnha;

2. Illi preliminarjament ukoll l-esponenti qieghed b'dina l-procedura jipprova jattakka ‘l hawn fuq imsemmija sentenza liema procedura ma hijiex applikabbli f’dan il-kaz u ghalhekk t-talba tal-esponenti ghandha tigi michuda *stante* li llum dik is-sentenza giet rikonoxxuta anke mir-rikorrenti stess u ghalhekk dina l-kawza ghandha tieqaf u tigi deciza fuq dan il-punt;

3. Illi f’kaz li dina l-Onorabbli Qorti ma tiddecidiex fuq dan il-punt preliminari kuntrarju ghal dak li qieghed jissottometti r-rikorrenti, l-ewwel darba li l-esponenti rcieva ittra minghand rigward ricevuti kienet dik tat-3 ta' Mejju 2005 meta intbaghat l-ahhar cekk izda r-rikorrenti jaf tajjeb li l-pagamenti dovuti saru lis-socjeta` intimata kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza;

4. Illi r-rikorrenti jaf li l-ammont minnu dovut huwa ferm aktar minn dak li qieghed jghid li ghandu jghati u dan jafu ferm tajjeb l-istess rikorrenti meta kien iffirma ftehim f'Lulju 1995 u li minkejja li kien inghata dawk il-flejjes kollha r-rikorrenti jew persuni imqabbda minnu pprova jbiegh il-proprjeta` lill-terzi u ghalhekk l-esponenti kellu jaghmel l-ipoteka imsemmija fir-rikors promottur u jiehu dawk il-passi kollha mehtiega nkluza l-prezentata tal-kawza hawn fuq citata sabiex jipprotegi l-hlasijiet li saru u l-interessi tieghu;

5. Illi l-esponenti huwa dispost li jnehhi l-ipoteka iskritta fuq il-fond indikat mir-rikorrenti fir-rikors promottur diment li huwa jithallas l-ammont kollu dovut skont ‘l hawn fuq imsemmija sentenza liema sentenza giet deciza bid-dispensa tas-smigh tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili peress li l-istess rikorrenti kien gharaf li huwa kien debitur tal-esponenti ghas-somma ta' wiehed u tletin elf lira Maltin (Lm31,000) minn liema somma r-rikorrenti kien irrceva hlas ta' sitta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm26,000) sa minn l-1995;

6. Illi l-esponenti ma jsib ebda diffikulta` li jipprezenta r-ricevuti relattivi ghall-hlasijiet li saru lilu mir-rikorrenti permezz tal-avukati ta' dan tal-ahhar.

Rat ir-rikors ta’ Joseph Attard u Rita Attard datat 20 ta’ Frar 2008 a fol 51 tal-process fejn l-eseponenti talbu lill-Qorti joghgobha tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju f’ isem l-esponenti halli titkompla l-kawza; u l-Qorti kif diversament

presjeduta laqghet it-talba, u dan kif jidher bid-digriet moghti fil-21 ta’ Frar 2008 a fol 71 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ J.M. Constructions Limited datata 2 ta’ Settembru 2015 a fol 156 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma inkluz dak tas-seduta tad-29 ta’ Settembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Noel Camilleri ghas-socjeta` intimata li talab li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta’ Dicembru 2015 fid- 9:30 a.m.

Rat il-verbal tal-15 ta’ Dicembru 2015 fejn billi l-Qorti kienet impenjata fuq xoghol iehor, din il-kawza giet differita ghall-Erbgha, 20 ta' Jannar 2016 fid-9:30a.m. ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Din hija kawza fejn l-attur talab li wara li s-socjeta` konvenuta taghti d-debiti ricevuti ghall-pagamenti li saru ghar-rifuzjoni ta’ depozitu abbazi ta’ konvenju datat 3 ta’ Lulju 2003, talab id-dikjarazzjoni li l-attur kien hallas id-depozitu kollu u qed jitlob it-thassir ta’ ipoteka bin-numru I.12497/2003 li kkostitwixxa fuq proprjeta' tieghu b'garanzija tar-rifuzjoni ta' tali depozitu.

Illi s-socjeta` konvenuta opponiet billi rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **J.M. Construction Limited v Francis Scicluna** (Citazz. 85/04) deciza fl-24 ta' Frar 2004 minn din il-Qorti diversament presjeduta u ssotolineat li d-debitu huwa dak li jirrizulta skont is-sentenza citata. *Di piu`*, gie eccepit li s-socjeta` konvenuta tkun disposta tnehhi l-ipoteka biss wara li jsir il-hlas kollu, bl-imghax legali skont is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-2004.

**<u>Fatti:</u>**

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Illi permezz ta’ konvenju datat nhar it-3 ta’ Lulju 2003 **(Dok B** a fol 7-9) l-attur intrabat li jbiegh proprjeta` B’Bugia lis-socjeta` intimata J.M.Construction Ltd. F’dan il-konvenju tnizzel li bhala depozitu akkont tal-prezz thallas l-ammont ta’ wiehed u tletin elf Liri Maltin li minnhom,Lm5,000 thallas fuq il-konvenju u Lm26,000 thallsu mill-kompratur antecedentement, b'total ta' wiehed u tletin elf lira Maltija (Lm31,000). Versu dan l-ammont ta' Lm31,000 saret skrittura datata nhar is-7 ta’ Lulju 2003 fejn l-attur ikkostitwixxa ipoteka generali u ipoteka specjali fuq mezzanin fiz-Zejtun (I 12497/2003). (**Dok C** a fol 10).

*Stante* li l-bejgh ma sarx, dan l-ammont gie rifuz mill-attur fi tlett pagamenti diversi, hekk kif jirrizulta mic-cekkijiet. (a fol 11-13). Is-socjeta` J.M. Construction Ltd. tghid li ghalkemm thallset tal-ammont in kwistjoni fadlilha tithallas dak dovut lilha konsistenti f’imghaxijiet legali skont is-sustanza ta’ din il-Qorti diversament preseduta. (fol 143-146).

Illi mhuwiex ikkontestat li l-ammont ta’ Lm31,000 li kien thallas fuq il-konvenju datat 3 ta’ Lulju 2003 minn J.M. Construction Ltd. gie rifuz lura, hekk kif jirrizulta mill-kopji tac-cekkijiet (fol 11-13), mix-xhieda tar-rapprezentanti bankarji (fol 35-38) u anke mill-istess intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha minnkejja li J.M. Construction baqghet ma hargitx id-debiti ricevuti fi-rigward ta’ dan. Izda, li qed jigi kkontestat huwa li l-imghaxijiet legali a tenur tas-sentenza ta’ din il-Qorti Numru 85/04 baqghu ma thallsux. Ghaldaqstant hemm oppozizzjoni ghat-talbiet attrici u ghat-thassir ta’ ipoteki bin-numru 12497/2003 li ghad hemm *in vigore*.

**Xhieda rilevanti:**

**Francis Scicluna** (affidavit a fol 15-17 tal-process) qal li kien iltaqa’ ma’ Mario Gatt, direttur tas-socjeta` JM Construction Ltd, u sar konvenju mal-kumpanija dwar ghalqa, fil-limiti ta’ B’Bugia. Huwa kien ircieva abbazi ta’ dan il-konvenju, l-ammont ta’ wiehed u tletin elf Liri Maltin (Lm31,000) bhala depozitu akkont tal-prezz. Qal li in segwitu ghas-sentenza numru 85/04, huwa hallas lura l-ammont tad-depozitu fi tlett pagamenti, qal li ma nghata ebda ricevuta u ghalhekk isostni li ghandhom jitnehhew l-ipoteki naxxenti mill-konvenju in kwistjoni li kienu qed jaghmlu tajjeb ghal tali depozitu.

**Joseph Attard** (fol 29-30[1]) xehed li kien jiehu hsieb l-affarijiet ta’ Francis Scicluna. Kien a konoxxenza tal-fatt li

[1] Seduta tas-17 ta’ Novembru 2006

Mario Gatt J.M. Construction Ltd. kien ta' xi flus. Riferut ghall-kopji tac-cekkijiet esebiti fil-process, qal li hu kien ta erbatax-il elf Liri Maltin (Lm14,000) biex ihallas id-dejn li kellu, u jaf bl-ammonti l-ohra wkoll.

**Joseph Genovese** (fol 33[2]**)** esebixxa kopja tal-iskrizzjoni tal-ipoteka.

**Maria Attard** (fol 35-36[3]) xehdet li in rapprezentanza tal-Bank APS u kkonfermat li dawn ic-cekkijiet li hemm referiti a fol 11 u 12, gew depozitati fil-kont ta' C Mifsud Bonnici u N & K Camilleri, u dak a fol 13 issarraf minn JM Construction Ltd. u gie depozitat f'kont tal-BOV.

**Audrey Ghigo** (fol 37[4]**)** xehdet li fir-rigward tac-cekk a fol 12 tal-process, li dan issarraf l-APS.

**Mario Gatt** (fol 40-41[5]) xehed li kien hallas lill-attur Lm26,000 f'Lulju 1995. L-ipoteki a fol 31 kienu versu l-ammont li huwa hallas lil Francis Scicluna ta' wiehed u tletin elf Liri Maltin (Lm31,000). Hu kkonferma li rcieva l-ammonti li jidhru f'kopji tac-cekkijiet esebiti fol 11 sa 13 li kienu biss l-imghaxijiet imhallsin.

**Benny Gatt** (fol 95-96[6]) xehed li s-socjeta` J.M. Construction Ltd. kienet immexxija minn missieru u minn huh. Semma li jaf bis-sentenza deciza bejn iz-zewg partijiet u sa fejn jaf hu, ma sarux iktar pagamenti wara din id-

[2] Seduta tas-17 ta' Jannar 2007
[3] Seduta tas-17 ta' Jannar 2007
[4] Seduta tas-17 ta' Jananr 2007
[5] Seduta tat-22 ta' Frar 2007
[6] Seduta tat-2 ta' Marzu 2012

decizjoni tal-Qorti u l-kuntratt finali wara l-konvenju ma kienx sar.

**Konsiderazzjonijiet ghall-fattispecje tal-kaz:**

Illi mhuwiex ikkontestat li l-ammont ta' Lm31,000 li kien thallas *in parte* fuq il-konvenju datat 3 ta' Lulju 2003 u *in parte* antecedentement minn J.M. Construction Ltd. gie rifuz lura, hekk kif jirrizulta mill-kopji tac-cekkijiet (fol 11-13). J.M. Construction baqghet ma hargitx id-debiti ricevuti fi-rigward ta' dan u ghalhekk ma jirrizultax li dawn il-pagamenti gew accettati a saldu.

Jigi ritenut li meta att ta' konvenju jiskadi, bla ma jkun sar il-kuntratt finali,l-effett legali jkun li kull parti terga' titqieghed fil-qaghda li kienet qabel dakinhar, u cjoe` fl-*istatus quo ante* (Ara "**Edward Portelli et vs Hector Cassola",** P.A. deciza fit-30 ta' April 2004 u **"Chain Services Ltd. vs Leo Micallef et"** PA deciza fil-11 ta' Gunju 2012).

Illi skont l**-artikolu 1357(2) tal-Kodici Civili** l-effett tal-weghda jispicca meta jaghlaq iz-zmien jekk kemm-il darba l-accettant ma jsejjahx lil dak li wieghed, b'att gudizzjarju pprezentat qabel ma jghaddi z-zmien applikabbli sabiex jaghmel il-bejgh. Dan igib mieghu l-konsegwenza li kull parti trodd lura kull beneficcju li setghet kisbet bis-sahha tal-konvenju. Il-parti li tkun thallset lilha parti mill-prezz akkont, ma jifdlilha l-ebda jedd li tibqa' zzomm ghandha somma mhallsa lilha bhala akkont tal-prezz, kemm-il darba jkunu gew sodisfatti r-rekwiziti tal-artikolu 1357 tal-Kap 16

tal-Kodici Civili. (ara**"Christine Cassar Torregiani vs Dr. Godfey Gauci Maestre" Appell Civili** datat 25 ta' Mejju 2007 u **"Vella noe vs Abela noe"-** Appell Civili tal-14 ta' Jannar 2002 Vol LXXXVI.ii.165).

Izda, din il-Qorti mhix ser tidhol f' dettal dwar din il-kwistjoni, peress li l-materja giet sorvolata *in vista* tal-fatt li jirrizulta li l-ammont imhallas akkont tal-prezz gie rifuz lura. Madankollu, jrid jigi sottolineat li dan thallas lura wara li J.M. Construction Ltd. ipprocedew kontra l-attur fil-kaz quddiem din il-Qorti diversament preseduta. F'dak il-kaz il-konvenut kien baqa' kontumaci. Ghalhekk, il-kaz gie deciz bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi sabiex thallas lura l-ammont imhallas fuq il-konvenju datat 3 ta' Lulju 2003, J.M. Construction kellha tistitwixxi kawza.

Illi dawn il-pagamenti saru wara s-sentenza imsemmija fl-ismijiet inversi li dwarha ma hemmx kontestazzjoni li ghaddiet in gudikat. Fil-fatt, ic-cekkijiet a fol 11 sa 13 huma sussegwenti ghas-sentenza moghtija fl-24 ta' Frar 2004. Jigi rilevat li l-attur ma hallasx l-ammont minn jeddu izda, kellu jigi nterpellat permezz ta' kawza civili, u kien biss in segwitu ghad-decizjoni tal-Qorti li thallas l-ammont dovut.

B'effett ta' din is-sentenza, esebita fl-atti li laqghet it-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta. (a fol 146) Francis Scicluna gie kkundannat li jhallas is-somma ta' tletin elf Liri Maltin, disa' mija u erbgha u sittin Liri Maltin (Lm30,964) imhallsa lilu <u>inkluz l-imghax legali</u> mid-data li l-konvenut ircieva l-flus. Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza 85/04TM li tinsab

allegata mal-atti tal-kawza odjerna u li jikkostitwixxu prova anke ghall-fini ta' din il-kawza.Billi kif gja inghad,il-kaz 85/04 TM jikkostitwixxi *res judicata* bejn il-partijiet ,is-sentenza kellha l-effett li tohloq obbligu fl-attur li jhallas lis-socjeta` konvenuta. Huwa cert u indiskuss li m'hemm xejn x'izomm l-ezekuzzjoni ta' din is-sentenza.

Il-Qorti hawnhekk tinnota b'dispjacir li l-attur ma mexiex korrettement mal-Qorti ghalhiex fir-rikors guramentat lanqas ghamel l-icken accenn ghas-sentenza moghtija fl-24 ta' Frar 2004 minnkejja li din il-kawza giet intavolata ferm wara li s-sentenza kienet ghaddiet in gudikat.

Ikkonsidrat li jirrizulta li dan l-ammont bhala depozitu akkont tal-prezz fuq il-konvenju datat 3 ta' Lulju 2003 kien thallas lil Francis Scicluna, fi tlett pagamenti:

Lm5,964.64 (hamest elef, disa' mija u erbgha u sittin Liri Maltin, u erbgha u sittin centezmu) - imhallsa fl-10 ta' Gunju 1995- (a fol 13).

Lm20,000 (ghoxrin elf Liri Maltin) - imhallsa fit-8 ta' Lulju 1995- (a fol 136).

Lm5,000 (hamest elef Liri Maltin) - imhallsa fit-3 ta' Lulju 2003 dakinhar tal-konvenju.

Dawn l-ammonti huma kanonizzati a favur tas-socjeta` konvenuta permezz tas-sentenza surriferita.

Illi *in vista* tas-suespost, tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta in kwantu tiddikjara li d-debitu dovut lilha huwa l-ammont li kien thallas bhala depozitu akkont tal-prezz, flimkien mal-imghax legali mid-data meta kienu effettivament thallsu lil Francis Scicluna, dan kif hemm stipulat fis-sentenza fl-ismijiet inversi fuq citata (Citazz Numru 85/04 PA(TM) deciza fl-24 ta' Frar 2004.

Jigi sostnut li ma gie bl-ebda mod ippruvat li l-attur hallas l-imghaxijiet legali fuq l-ammont ta' wiehed u tletin elf Liri Maltin (Lm31,000) mid-data li rcevihom sa ma gew rifuzi. Ghalhekk, jigi dikjarat li ghad hemm bilanc x'jithallas konsistenti f'imghaxijiet legali skont ma gie deciz fid-decizjoni imsemmija (Citazz 85/04) li hija *res judicata*.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, tiddisponi mit-talbiet attrici skond dan li gej:-

**Tilqa'** l-ewwel talba tal-attur u tordna lis-socjeta` konvenuta tohrog ricevuti limitament ghall-hlasijiet li saru skont il-kopji tac-cekkijiet esebiti a fol 11 sa 13 tal-process .

**Tichad** it-tieni talba tal-attur, in kwantu ma jistax jigi dikjarat li d-depozitu thallas kollu, peress li ghad irid jithallas l-imghax legali fuq l-ammonti imhallsa hekk kif gie deciz fis-sentenza llum *res judicata*, datata 24 ta' Frar 2004.

Tichad it-tielet talba tal-attur, billi jridu jithallsu l-imghaxijiet debitament dovuti qabel jithassru l-ipoteki bin-numru ta' Iskrizzjoni I. 12497/2003.

**L-ispejjez jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**20 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Jannar 2016**